MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 28/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 24 ta' Mejju 2011 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Viċi Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skuzat: | Il-Kunsillier | Sur Matthew Agius |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar l-Erbgħa, 18 ta' Mejju 2011. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 27/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Gimgħa tal-Festa Msida.
6. Mertu Msida.
7. Fuljett tal-Kunsill.
8. Xogħlijiet ġenerali.
9. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
10. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
11. Affarijiet oħra jekk urġenti.
12. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 28/K6/2011

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 27/K6/2011

1099. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazjoni. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

1100. Dwar minuta 1060(c), E Briincat qal li fl-aħħar tal-minuta għanda tiżdied is-sentenza 'Il-Ministeru wieġeb li ma għandux fondi ta' €50,000 biex isewwi il-funtana'.

1101. Dwar minuta 1061, C Selvaggi qal li ismu għandu jizdied fil-minuta, biex b'hekk tiġi tgħid 'C Selvaggi u Dott. Grima saqsew meta ser jibda…'

1102. Dwar minuta 1067, C Selvaggi qal li fl-aħħar sentenza tal-minuta għandu jiżdied il-kliem '…u wara li dawn jinġabru, il-Kunsill jiddeċiedi fis-seduta li jmiss'.

1103. Dwar minuta 1069, C Selvaggi qal li għanda tiżdied sentenza fl-aħħar tal-minuta li tgħid 'C Selvaggi talab ukoll li jsiru mistoqsijiet lill-Ispettur fuq il-ħażna ta' *fuel* fis-stabillment tal-AVIS u s-sitwazjoni fit-triq qrib *Vivien Commercials*.

1104. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

1105. M Baldacchino saqsiet sarx progress fuq it-tiswijiet fil-funtana msemmija f'minuta 1060. Is-Segretarju qal li x-xogħlijiet ġew ordnati u ser jibdew nhar it-Tnejn.

1106. Dwar minuta 1062, C Selvaggi qal li issa irridu nistennew li tittieħed azzjoni mill-MEPA biex s-sitwazjoni tar-rampa fi Triq l-Universita tiġi regolarizzata.

1107. Dwar minuta 1065, E Brincat saqsa jekk il-Ministeru tal-Edukazjoni tawniex il-laqgħa mitluba mal-Ministru. Is-Sindku qal li l-Ministeru għadhom ma ftehmux data għal tali laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda biex il-Kunsillier M Agius jikkuntatja lill-Ministeru biex jgħamel laqgha mal-Ministru għall-Kunsill.

1108. E Abela qal li hekk kif mnizzel f'minuta 1066, huwa ġie tard għal laqgħa peress illi d-data tal-laqgħa inbidlet darbtejn.

1109. Dwar minuta 1067, fejn il-Kunsill tkellem dwar kampanja edukattiva dwar ir-riċiklagg, Dr Griima saqsa sarx xi żvilupp. Is-Sindku qal li għadna ma mexxejniex.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1110 (a) Dwar minuta 1069, Dott. Grima saqsa saritx laqgħa mal-Ispettur. Is-Sindku qal li kellu l-eżamijiet tal-Universita u li għaldaqstant ma sabx ħin għal tali laqgħa. Dott. Grima qal li importanti li issir laqgħa malajr kemm jista jkun, u li l-Kunsilliera ikunu avżati min qabel b'tali laqgħa sabiex min irid jattendi ikun jista.

1110 (b) C Selvaggi qal li mal-Ispettur iridu jitqajmu l-materji ta' ħażna ta' fuel u parkeġġ abbużiv mill-kumpanija AVIS, u l-ħażna ta' zebgħa min *Coleiro Stores* fi Triq il-Ħarrub.

1111. E Brincat saqsa irċivejniex risposta dwar il-proposta ta' bdil fi *traffic management* fi Triq San Lwiġi msemmija f'minuta 1071. Is-Segretarju qal li l-proposta għada qed tiġi evalwata min Transport Malta.

1112. Dwar minuta 1074, is-Sindku qal li ser ilaqqa l-Kumitat tal-Finanzi siegħa qabel l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex jiddiskuti ir-rapport tal-awditur dwar il-finanzi tal-Kunsill sas-sena 2010.

1113. Dwar minuta 1078, il-Kunsill qabel li jissuġerixxi lil Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali biex l-*insurance policy* tal-Kunsilliera tiġi estiża fuq il-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

1114. Dwar minuta 1078(b), is-Segretarju qal li l-*parking bays* fi Triq San Andrija saru, iżda xi ħadd ħareġ bil-lejl u ħassar ftit minnhom biż-żebgħa sewda. Is-Segretarju qal li ser jitlob l-assistenza tal-Pulizija biex dawn jerġgħu isiru.

1115. Dwar minuta 1079, M Baldacchino issuġeriet li ninfurmaw lir-residenti dwar din d-diffikulta biex isir *timed parking*. Il-Kunsill iżda, xorta waħda qabel illi issa nitolbu lil Transport Malta għal estenzjoni fuq it-*timed parking* diġa eżistenti ta' Triq Prinċipessa Margerita, biex dan jiġi estiż fit-toroq Antonio Bosio, Mons Dandria u Antonio Sciortino.

1116. Dwar minuta 1093, C Selvaggi saqsa jekk sarx it-tindif fis-slipway ta' Triq ix-Xatt ta' Xbiex. Is-Segretarju ikkonferma li saret.

1117. Dwar minuta 1088, dwar kaxxi sofor irregolari fi Triq il-Makna tas-Serrar, M Baldacchoino saqsiet sarx progress. Is-Segretarju qal li kien għadu ma mexxiex.

Punt 3 Korrispondenza

1118. 0777 - Is-Segretarju qal li hemm xi problema mal-Greem MT dwar it-tbattil tal-*Bring in Sites*. Kif deher f'xi gurnali ta' kuljum, jidher li l-Wasteserv mhux tgħaddi pagamenti dovuti lil din il-kumpanija, li min naħa tagħha, umbgħad naqset

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

milli tħallas il-kuntratturi li jbattlu il-*Bring in Sites*. Għaldaqstant, dawn il-kuntratturi naqsu milli jgħatu is-servizz ta' tbattil bil-frekwenza meħtieġa.

1119. 0746 - E Brincat qal li meta toħroġ il-Memo dwar tiswijiet fil-ġonna publiċi, il-Kunsill għandu japlika għal fondi biex isiru gradi madwar il-bandli ta' quddiem l-Għassa.

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar

1120. Ic-*Chairperson* waslet ir-ringrazzjament ta' residenti tas-Swatar għal bini mill-ġdid ta' Triq il-Gostra.

1121. Il-Kunsill qabel li jiġi ordnat Pulizija tat-Traffiku biex jissorvelja u iħarrek kontravenzjonijiet tat-traffiku quddiem il-Kuleġġ San Martin waqt il-ħruġ ta' studenti.

Punt 5 Gimgha tal-Festa Msida

1122. M Baldacchino qalet li l-Każin tal-banda qed jaħsbu li jorganizzaw kunċert nhar ta' Ħadd ta' qabel il-Jum tal-Festa. M Baldacchino issuġerriet li l-Kunsill jgħamel dan il-kunċert flimkien mal-Każin tal-Banda. Il-Kunsill qabel.

1123. Is-Sindku ressaq biex il-Kunsill jorganizza il-Gostra fil-jiem tal-Festa. Il-Kunsill qabel.

1124. Il-Kunsill qabel li l-ispiża għal dawn l-attivitajiet ma għandiex taqbeż il-€1000.

1125. M Baldacchino qalet ukoll illi fil-jiem tal-festa ser isiru ukoll ħarġiet għall-anzjani u għat-tfal.

Punt 6 Mertu Msida

1126. Il-Kunsill qabel li l-attivita issir nhar il-Gimgħa 8 ta' Lulju 2011.

1127. Il-Kunsill qabel li jiġi furmat Bord ta' Evalwazjoni għall-għażla ta' min ser pingħata dan il-Mertu. L-applikazjonijiet għandhom jgħalqu nhar l-20 ta' Gunju 2011.

Punt 7 Fuljett tal-Kunsill

1128. Il-Kunsill qabel li l-fuljett isir ta' 24 pagna biss, u li jitqassam ġimgħa qabel il-festa. Għaldaqstant, is-Sindku qal li l-artikoli tal-Kunsilliera għandhom jaslu sa nhar l-10 ta' Gunju 2011.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 8 Xogħlijiet Generali

1129 (a) Dwar iċ-Centru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, M Baldacchino irringrazzjat lill-Kunsillier E Abela talli bl-involviment tiegħu, l-Kunsill ġab *sponsorship* tal-materjal kollhu għal kmamar tal-banju b'xejn. Il-Kunsill irringrazzja lil E Abela.

1129 (b) M Baldacchino qalet li l-ftuħ ser isir nhar it-8 ta' Lulju fl-għaxra ta' filgħodu. Hi kompliet billi qalet li l-applikazjonijiet biex l-anzjani jidħlu membri taċ-Centru diġa bdew jiġu mqassma.

1130. E Brincat qal li la darba l-bankina ta' Triq Prinċipessa Margerita ser ikolla tinqala biex jgħaddi l-*main* ġdid tal-ilma, l-bankina għanda tinbena mill-ġdid. Huwa propona li ssir imprint. Is-Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel.

1131. E Brincat qal li la titlesta triq Prinċipesca Margerita, għandna nibdew mal-ewwel Triq il-Punent. Huwa qal ukoll li x-xogħlijiet fuq bankini fi Triq M Bellanti u G Schranz bdew.

1132. E Brincat qal li dwar it-tindif tal-Għajn, membru tas-Segretarjat tal-Ministru George Pullicino ordna biex il-*Cleansing Department* inaddaf l-Għajn. Iżda il-manager tal-*Cleansing Department* informa lill-Kunsill li ma għandux biex inaddafa.

1133. E Brincat qal li l-applikazjoni mal-UIF biex isir *embellishment* fil-ġnien quddiem il-Klabb tal-Boċċi u l-bankina quddiem il-każin qegħda *on hold* sakemm Transport Malta ilestu xi pjanti ta' proġett li għandhom għall-akwati.

Punt 9 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1134. Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-ħlasijiet għall-approvazjoni.

1135. M Baldacchino qalet li pagament numru 38 huwa għal aktar min sebgħa kotba.

1136. Is-Sindku resaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazjoni. C Selvaggi issekonda. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, C Selvaggi u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 10 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

1137. Kumitat għall-Isport - Is-Sindku propona li jsiru lezzjonijiet taż-*Zumba* għal prezz ta' bejn €2.50 u €3.00 għal kull lezzjoni, kull persuna. Il-Kunsill għaldaqstant ma jħallas xejn. Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1138 (a) Kumitat Offerti Publici – Is-Sindku stqarr illi il-kumpanija 'CA Refuse Collection' ma għaddietx mill-*administrative criteria*, peress illi l-ittra ta' referenza mill-bank hija antika aktar min tlett xhur mis-sottomissjoni tat-tender. Għaldaqstant, il-Kumitat irrakkomanda li l-offerta ta' din il-kumpanija tiġi skwalifikata peress li tali oferta tmur kontra dak mitlub f'artikolu 2.3 tad-dokument tat-tender, hekk kif ukoll ikkonfermat b'email mill-avukat tal-Kunsill bid-data tal-Gimgħa 20 ta' Mejju 2011.

1138 (b) Is-Sindku qal ukoll illi l-Kumitat innota illi l-offerta tas-Sur Michael Mizzi tidher li ma tinkludix iċ-ċertifikat originali tal-ETC, hekk kif mitlub fid-dokument tat-tender. Wara li din il-materja ġiet diskussa mad-Dipartiment tal-Kuntratti, huma kienu tal-parir li l-Kunsill ma għandux jiskwalifika offerta fuq dan il-punt. Id-Dipartiment tal-Kuntratti issuġerixxa illi l-Kunsill jikteb lit-tenderer sabiex jibgħat l-istess ċertifikat, oriġinali, lill-Kunsill sa data speċifika.

Il-Kunsill qabel li dan l-istess dokument originali għandu jintbgħat lill-Kunsill sa nhar l-Erbgħa 8 ta' Gunju 2011. Jekk dan ma jseħħx, l-offerta għanda tiġi skwalifikata.

1139. Kumitat għall-Għażla ta' Skrivan/a - Is-Sindku qal li sar *shortlisting*, u li issa ser isiru l-*interviews* ta' tlett kandidati li ġew mgħażula mill-Kumitat.

Punt 11 Affarijiet oħra jekk urġenti

1140. M Baldacchino qalet li bgħatet e-mail lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal ftuħ tal-uffiċini tal-*Multiple Schlerosis Society* fi Triq il-Wied Msida. Hija resqet ukoll biex issir 'Keep Clear' quddiem il-garaxx tal-Kunsill u bollard, peress li qed isir Abúż mill-ispazju quddiem il-garaxx, u minħabba f'hekk il-Kunsill mhux ikun jista jgħati ċertu servizzi fil-ħin.

1141. E Abela ressaq biex isir *railing* fid-dahla il-ġdida tal-Kunsill Lokali u biex isir tindif tal-ġibjun fi Triq il-Wied.

1142. Dott Grima ressaq biex it-tiswija tal-*culvert* fi Triq Achille Ferris ma ddumx biex issir.

1143. E Brincat qal li għanda tinkiteb ittra lil Transport Malta dwar id-dewmien esaġerat tat-*traffic lights* fi Pjazza Menqa.

Punt 12 Aggornament

1144. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għanda issir nhar il-21 ta' Gunju fil-5.30pm.

1145. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.05

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION
ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Approvati llum ________________________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com